



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2013/2154(INI)

14.10.2013

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar SOLVIT
(2013/2154(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Martin Kastler

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jitlob lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-approċċ tal-Kummissjoni li jikkonsisti f'li tkompli tottimizza s-suċċess li kiseb in-netwerk SOLVIT fil-ħidma informali, rapida u orjentata lejn iċ-ċittadin li qed iwettaq biex isolvi l-problemi li jinqalgħu f'każijiet ta' tilwim transkonfinali fis-suq intern;
2. Jappoġġa l-isforzi favur il-kjarifika u t-twessigħ tal-kompetenzi għall-"każijiet strutturali" kollha li jinsabu f'kontradizzjoni mad-dritt tal-Unjoni u mal-prinċipji tas-suq intern;
3. Jitlob li ssir enfasi speċjali fuq il-każijiet transkonfinali kollha konnessi mal-liġi tax-xogħol, b'kunsiderazzjoni partikolari għall-qasam tal-pensjonijiet;
4. Jilqa' l-miżuri kollha maħsuba biex itejbu l-kontroll tal-kwalità, jistabbilixxu standards minimi uniformi fiċ-ċentri SOLVIT u jtejbju l-konnessjonijiet ma' netwerks oħrajn ta' pariri fl-UE;
5. Jitlob li l-ħidma ta' promozzjoni tan-netwerk SOLVIT tiġi intensifikata u ssir akar orjentata lejn iċ-ċittadin, sabiex, sa mhux aktar tard mill-2020, il-livell ta' għarfien pubbliku dwar iċ-ċentri ta' pariri jikber b'mod sinifikanti;
6. Jissuġġerixxi li n-netwerk taċ-ċentri ta' pariri SOLVIT ikompli jitwessa' gradwalment, iżda aktar minn hekk li r-reġjuni Ewropej jingħataw il-possibbiltà li, permezz tal-awtoritajiet amministrattivi kompetenti tagħhom, iwaqqfu b'mod awtonomu ċentri reġjonali u rikonnoxxuti ta' pariri *in situ* ("SolvitRegio"), għaliex dan ukoll jista' jgħin biex ikabbar il-livell ta' għarfien pubbliku dwar is-servizzi offruti u jqarribhom lejn iċ-ċittadini;
7. Jilqa' bis-sħiħ il-protezzjoni tad-data personali min-naħa taċ-ċentri ta' pariri SOLVIT u jitlob li din il-protezzjoni tibqa' tittejjeb skont l-esiġenzi.